dejjem
*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
## Kulleġġ Maria Reġina
## Sena Skolastika 2014/2015

Il-Ħames Sena **Malti Qari u Kitba** Ħin: Siegħa u kwart

Isem: ____________________________________

Klassi: ____________________________________________

Skola: ____________________________________________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Għall-istudent/a:**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, l-isem tal-klassi u tal-iskola.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

## TAQSIMA A IL-FEHIM MILL-QARI (Silta Qasira) (30 MARKA)

Jien, Mark Psaila

**Nistieden lil:** Betta Trumbetta , għall-festin ta' għeluq snini.

**Post:** 6, Triq Favetta, Ħal Faqqus.



**Ħin:** 5:30pm

Sabiex nieħdu gost ser ikun hemm buffu, logħob u rigali għal kulħadd! Ejjew ħa nieħdu gost, ħbieb!



**Aqra sew l-invit li rċeviet Betta u agħżel it-tweġiba t-tajba mill-parentesi billi taqta' sing taħtha. (10 marki)**

1. Dan l-invit bagħtu (Mark Pisani, Mark Psaila, Martin Psaila).
2. Min ser jagħlaq sninu? (Betta, Mark, ħu Mark).
3. Il-post indikat juri (fejn toqgħod Betta, fejn joqgħod il-buffu, fejn ser isir il-festin).
4. Il-festin ser isir (fit-tmienja ta' filgħaxija, fit-tlieta ta' filgħodu, fil-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar)
5. X'tip ta' divertiment ser ikun hemm? (buffu u logħob, żfin u buffu, logħob u akrobati).

## Taqsima B.

L-ewwel oħroġ l-karta li jisimha **'Il-Karkur tan-Nanna'** li qegħda weħidha.
Aqraha sewwa, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.**

*(marka)*

| a) Marjanna kienet... (par.1) |
|---|
| ☐ it-tifla. |
| ☐ in-nanna. |
| ☐ omm Betta. |

*(marka)*

| b) X'ħin in-nanna kienet tqum kienet tagħmel... (par. 2) |
|---|
| ☐ kikkra kafe`. |
| ☐ belgħa te`. |
| ☐ il-kolazzjon. |

**2. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** *(3 marki)*

*a)* Betta kienet tifla (mistħija, kwieta, imqarba).

b) In-nanna kienet tqum (qabel il-ħamsa, wara l-ħamsa, eżatt fil-ħamsa) ta' filgħodu.

ċ) Il-frażi: **ta' żmien żemżem** (par.2) tfisser (taż-żmien tal-lum, tal-moda, qadim ħafna).

**3. Għal min qed jirreferu l-ittri mmarkati b'linja taħthom fil-kliem li ġej:**

a) Aktarx li fi tfulit**ha** (par.1) **– ha** qed tirreferi għan-________________.

b) Ma nistax inħarrik**hom!** (par.4) **– hom** qed tirreferi għar-________________ tan-________________.

*(marka x 2 = 2 marki)*

4. **Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba minn din il-kaxxa. Fil-kaxxa hemm kelma żejda.** *(5 marki)*

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| daħk | ruħha | **nanna** | dwejjaq | Betta | Marjanna | tivvinta |

Meta n-**nanna** Marjanna kienet tampar Betta, hi kienet tifla fuq ______. Dejjem kienet tara x'se ________. Iżda storja bħal ta' ________ u l-karkur żgur li ma vvintatx. Għalkemm aħna narawha bħala storja tad-__________, għan-nanna ____________ żgur ma kinitx!

5. **Wieġeb fi kliemek dawn il-mistoqsijiet:**

a) Fuq xiex in-nanna u Betta ma kinux jaqblu? (par.1) *(marka)*

______________________________________________

______________________________________________

b) Ikteb **żewġ** verbi li jiddeskrivu x'kienet tagħmel in-nanna waqt li tipprepara kikkra kafe`. (par.2) *(marka)*

______________ ______________

ċ) X'ħoss kien jagħmel il-karkur tan-nanna? (par.3) *(marka)*

______________________________________________

d) X'taħseb li tfisser il-frażi, "**ma kinitx ser tieħu palju?**" (par. 3) *(marka)*

______________________________________________

______________________________________________

e) Għodwa waħda n-nanna ħasdet lill-membri tal-familja bit-twerżiq. Għalxiex bdiet twerżaq? (par. 4) *( 2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

f) Min taħseb li għamel il-kolla mal-karkur tan-nanna? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________

______________________________________________

*(2 marki)*

| TAQSIMA Ċ | IL-KITBA | (30 MARKA) |
|---|---|---|

**1. Aqleb il-kliem fil-parentesi fil-plural.** (5 marki)

In-nannu Bernard għamel vaska baxxa biex il- __________(papra) jkunu jistgħu jgħumu. Fiha poġġa ftit ________ (ħuta) tal-ilma ħelu. Betta riedet titfa' wkoll il-____________ (fellus) tat-tiġieġa. Imma n-nannu ma ħallihiex, għax ________(dak) ma jafux jgħumu! Betta gergret, 'Imma dan għaliex? Mhux ilkoll għandhom _____________ (sieq) biex iċafċfu!'

**2. Imla l-vojt bil-passat skont l-għerq li hemm fil-parentesi.** (5 marki)

In-nanna Marjanna ____________ (m-w-r) l-isptar. Għall-ewwel _______________ (għ-m-l) f'qalbha, iżda malajr _________ (s-j-r) ħbieb ma' xi erba' anzjani oħra. Betta _____________ (x-t-q) tmur tara lin-nanna l-isptar. Hija _____________ (p-n-ġ) stampa sabiħa biex teħodielha. Brava Betta!

**3. Kitba Qasira** (3 marki)

Il-Ħadd li għadda, n-nannu tiegħek ħadek saċ-ċirklu. Ikteb **nota ta' ringrazzjament** lin-nannu tiegħek.



__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

4. **Il-Kitba t-Twila** *(17-il marka)*

**a. Li kieku kont buffu...** *(Dawn il-punti jistgħu jgħinuk)*

X'tagħmel kieku kont buffu? Xi tkun kapaċi tagħmel? Għaliex ikun importanti x-xogħol tiegħek? Kieku fejn taħdem? Kif tipprepara għax-xogħol tiegħek? Għaliex jogħġbok dan ix-xogħol?

***b.*** **Meta għamilt ċajta fuq ommi...** *(Dawn il-punti jistgħu jgħinuk)*

Meta għamiltha ċ-ċajta? Min kien involut? Lil min għamiltha? Fejn kontu? X'ġara eżatt? Kif ħassu min kien involut? Għaliex għamiltha? Kien hemm xi konsegwenzi?

**ċ. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi. Ikteb storja sabiħa dwarhom.**



Spazju biex jekk trid, tagħmel il-pjan tal-komponiment. (2 marki)

Se nikteb fuq komponiment: __________ (Ikteb **a**, **b**, **ċ**) (15-il marka)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

Tmiem il-Karta